# IS-SOLIDARJETÀ BEJN L-ISTATI MEMBRI EWROPEJ



EDWARD SCICLUNA / Ministru għall-Finanzi



L-Unjoni Ewropea, fil-preżent tinkorpora tmienja u għoxrin pajjiż. L-iskop ewlieni ta' kull pajjiż li ħa l-pass biex jidħol f'din l-Unjoni, kien dak li l-pajjiż ikun parti minn familja; familja li kull membru tagħha jħoss iddmir u d-dover li jgħin lil xulxin biex b'hekk il-familja tkompli tissaħħaħ u tissoda. Dan hu l-kunċett ta' solidarjetà fil-kuntest Ewropew.

Solidarjetà tfisser li flimkien, il-membri jgħinu lil xulxin biex jingħeleb xi ostakolu jew problema li tinqala' matul iż-żmien. F'għaqda, illum ikun hemm membru li jkun għaddej minn diffikultà u jkollu bżonn l-għajnuna u għada jkun membru ieħor li jkun qiegħed jiffaċċja problema. Solidarjetà tfisser li ma tippretendix għajnuna meta int tkun fil-bżonn imma ddawwar wiċċek meta l-problema ma tkunx taffettwa lilek.

Eżempju prattiku ta' kif is-solidarjetà għandha titħaddem huwa fil-każi tal-problema kbira li l-pajjiżi Ewropej qegħdin iħabbtu wiċċhom magħha. Uħud mill-pajjiżi Ewropej fejn tidħol l-influss ta' persuni li qegħdin jaqsmu l-Baħar Mediterran biex jibdew ħajja ta' aktar prosperità fil-pajjiżi nordiċi tal-Ewropa.

Minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom, il-pajjiżi fin-naħa t'isfel tal-Ewropa u li huma viċin il-kosta tal-Afrika ta' Fuq, jiġifieri Malta u l-Italja, u sa ċertu punt Spanja u l-Greċja, huma l-iktar pajjiżi milqutin minn dan il-fenomenu ta' influss ta' din l-immigrazzjoni. L-ebda pajjiż ma jista' jsolvi problema bħal din waħdu. X'qegħdin jistennew dawn il-pajjiżi Ewropej, fosthom Malta, li ġeografikament huma viċin il-kosta Afrikana?

Ġustament, l-argument ta' dawn il-pajjiżi huwa li filwaqt li dawn il-ftit pajjiżi lesti li jiffaċilitaw is-salvataġġ ta' dawn in-nies li lesti li jissugraw ħajjithom biex jaqsmu l-Baħar Mediterran għal ħajja aktar feliċi f'xi pajjiż Ewropew, jistennew, taħt il-kappa ta' Solidarjetà li l-Unjoni Ewropea tant tisħaq fuqha, dan l-influss ta' immigranti, wara li jirfsu l-ewwel art ta' pajjiż Ewropew, jiġu mifruxa bejn it-tmienja u għoxrin pajjiż Ewropew kollha u b'hekk kulħadd ikun qiegħed jagħmel dak l-isforz u jħaddan il-prinċipju ta' solidarjetà.

Fuq kollox wieħed irid isemmi li din is-solidarjetà diġà ġiet applikata u ħadmet meta kien hemm il-problemi finanzjarji fi wħud mill-pajjiżi Ewropej u ġie mitlub dak li jissejjaħ bailouts għal dawn il-pajjiżi li kienu milqutin mill-kriżi finanzjarja. Hawn qed nirreferi għall-Greċja, il-Portugall, l-Irlanda u l-Italja.

Il-pajjiżi Ewropej l-oħrajn, faċilment setgħu jgħidu li s-sitwazzjoni finanzjarja prekarja li kull pajjiż li semmejt kien fiha, kienet tort tat-tmexxija tal-gvernijiet ta' dak il-pajjiż u allura wieħed seta' ddeċieda li jħalli lil dawn il-pajjiżi jfendu għal rashom.

Iżda l-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea, ħadu deċiżjoni għaqlija li għandhom jgħinu lil dawn il-pajjiżi ħalli joħorġu mill-kriżi li daħlu fiha u b'hekk lill-poplu ta' dawk il-pajjiżi titnaqsilhom it-tbatija li kienu jgħaddu minnha.

Kull pajjiż, fosthom Malta, ħa d-deċiżjoni li jdaħħal idejh fil-but u jikkontribwixxi flejjes kbar billi sellef flus lil dawn il-pajjiżi biex joħroġ mill-qagħda diżastruża li kien fiha. Malta ħarġet l-ekwivalenti ta' tlieta fil-mija tal-prodott gross domestiku tagħha biex tgħinhom. Kieku ma kinux il-pajjiżi Ewropej l-oħra, dawn il-pajjiżi jew ma kinux isibu min isellifhom dawn il-flus jew jekk isibu, kienu jħallsu imgħaxijiet ferm għoljin.

Il-mistoqsija f'ħalq kulħadd kienet: imma dawn il-pajjiżi jaslu biex iħallsu s-self li ħadu? Ir-risposta hija IVA imma meta dan se jseħħ, huwa diffiċli ferm li tgħid. Dan juri b'mod ċar li s-self ingħata mhux għax xi pajjiż ra li huwa investiment attraenti iżda kien ġest ta' solidarjetà.

U allura, jekk kif f'każ bħalma għadni kif semmejt, ħadmet is-solidarjetà u l-intervent sar mingħajr ħafna dewmien, għaliex mhux qiegħed isir l-istess fejn tidħol il-problema tal-immigrazzjoni? Għalhekk tistona ħafna meta fi żjarat f'pajjiżna minn Prim Ministri u Ministri ta' pajjiżi Ewropej oħrajn, jistqarru f'Malta li huma kontra kwalunkwe solidarjetà u tqassim tal-piż li l-problema tal-immigrazzjoni qiegħda ġġib.

Kategorikament, ċertu Ministri ta' pajjiżi tal-Unjoni Ewropea, qegħdin jgħidu li huma lesti li jipparteċipaw fl-ebda aċċettazzjoni ta' emigranti. Meta int membru ta' organizzazzjoni, trid timxi mar-regoli tal-organizzazzjoni li tkun ingħaqadt fiha, volontarjament. Mhux aċċettabbli li meta int membru f'organizzazzjoni, tagħżel liema regoli jgħoddu għalik u tirrifjuta regoli oħrajn – tagħżel dak li jaqbel lilek biss.

Filwaqt li huwa minnu li jista' jkun hemm ċirkustanzi partikulari, bħal fil-każ ta' x'rata ta' taxxa timponi f'pajjiżek, li l-prinċipju tas-solidarjetà mhux applikabbli, dan ma jinkludix il-każ tal-immigrazzjoni.

Huwa f'waqtu li nispjega għaliex il-prinċipju ta' solidarjetà fil-każ tat-taxxa mhux applikabbli. Biex nispjega dan, se nagħti eżempju ta' żewġ individwi li jiżżewġu. Filwaqt li l-qligħ kollu u l-investiment li jsir matul iż-żwieġ, ikun komunitarju u diviżibbli bejn iż-żewġ partijiet, dawk l-assi u investiment ta' qabel iż-żwieġ, ikun jappartjeni lill-indivdwu li kien akkumula dawk l-assi.

Fejn tidħol taxxa, peress li kull pajjiż li qabel ma daħal membru sħiħ tal-Unjoni Ewropea, kellu sistema ta' tassazzjoni, kien sar qbil li dik is-sistema tibqa' fis-seħħ anke meta l-pajjiż isir membru tal-Unjoni Ewropea.

Dak huwa prinċipju aċċettat mit-tmexxija tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk fejn tidħol taxxa, kull pajjiż li hu Membru tal-Unjoni Ewropea, għandu l-awtonomija li jiddeċiedi hu meta u jekk ibiddilx is-sistema tat-taxxa.

Huwa minħabba dan il-prinċipju, li aħna, bħala Malta, dejjem waqafna u opponejna kull tentattiv li sar jew qiegħed isir meta xi ħadd jipprova jiddetta x'rata ta' taxxa għandu jkollna fuq il-profitti reġistrati minn kumpaniji jew xi tibdil ieħor fis-sistema tat-taxxa li nħaddnu; sistema li ilha hemm ferm qabel ma dħalna membru sħiħ tal-Unjoni Ewropea.

Il-prinċipju ta' solidarjetà jidħol fejn pajjiż jgħin lil ieħor biex jilħaq dak il-livell ta' għejxien li hemm fil-pajjiżi l-aktar sinjuri tal-Unjoni Ewropea. Kull pajjiż li daħal f'din l-Unjoni Ewropea, kellu l-mira u l-ħolma li xi darba pajjiżu jilħaq dak il-livell għoli ta' ħajja ta' dawn il-pajjiżi l-aktar għonja fl-Unjoni.

Bl-għaqal tagħha, Malta qiegħda tqarreb lejn dan it-tragward. Malta gawdiet mill-fondi li l-Unjoni Ewropea, permezz tal-programmi tagħha ta' fondi strutturali, toffri b'mod speċifiku għal pajjiżi li għandhom il-livell inqas baxx mill-medja, biex itejbu l-livell ta' għejxien tagħhom.

Grazzi għal dawn il-fondi strutturali, Malta ġiet megħjuna biex tiżviluppa l-ekonomija tagħha; kien hemm għajnuna għall-industrija; investiment fl-infrastruttura bħalma huma t-toroq u l-ambjent, fost l-oħrajn.

Iżda huwa ferm importanti li żżomm f'moħħok li s-solidarjetà qiegħda hemm mhux għal dejjem. Is-solidarjetà qiegħda hemm mhux biex titgħażżen u tibqa' dipendenti fuq is-solidarjetà, iżda s-solidarjetà qiegħda hemm biex tgħinek issir indipendenti u tiżviluppa b'tali mod li ma jkollokx iktar bżonn din l-għajnuna.

Fil-lingwa Ingliża hemm it-terminoloġija "moral hazard" li bil-Malti tista' tiġi tradotta "Għejn ruħek biex Alla jgħinek." Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-pajjiżi li qegħdin jikkontribwixxu biex pajjiżi inqas żviluppati minnhom, itejbu l-qagħda tagħhom, lesti li jgħinu sakemm jaraw li hemm dik il-ħeġġa li dawn il-pajjiżi jagħmlu il-parti tagħhom u jibdew jaqdfu għal rashom.

Għalhekk l-ebda pajjiż ma jrid iserraħ wisq fuq is-solidarjetà għax hemm limitu għal din is-solidarjetà.

F'dan iż-żmien li l-Membri tal-Unjoni Ewropea qegħdin jiddiskutu l-baġit għall-perjodu li jmiss, qegħdin iqumu dawn il-mistoqsijiet. Kulħadd qed jistaqsi: kemm se tkun il-kontribuzzjoni ta' kull stat membru għal dan il-fond? Għandna xi stati membri li filwaqt li jridu jikkontribwixxu mill-inqas, jippretendu li l-fondi jintużaw għal skopijiet tagħhom imma fl-istess ħin mhux lesti li jagħtu sehemhom fejn tidħol distribuzzjoni tal-immigrazzjoni li qiegħda tidħol fl-Ewropa min-naħa tal-Afrika ta' Fuq. Hu d-dmir tagħna li nipparteċipaw u nisħqu fuq il-prinċipju ta' solidarjetà biex filwaqt li aħna lesti nkomplu nagħtu sehemna biex ngħinu u ntaffu l-problemi li jaffaċċjaw pajjiżi oħra ifqar minna, il-pajjiżi sħabna Ewropej, jgħinu lilna f'din il-problema li qegħdin naffaċċjaw fejn tidħol din il-mewġa ta' immigrazzjoni.